**Emenda 1**
**Andrew Duff, Roberto Gualtieri and others**

**Rapport** **A7-0372/2013**
**Roberto Gualtieri, Rafał Trzaskowski**
Problemi kostituzzjonali ta' governanza b'diversi livelli fl-Unjoni Ewropea
2012/2078(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 31**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 31. Jenfasizza li r-regoli interni tal-Parlament Ewropew joffru marġini suffiċjenti ta' manuvrar għall-organizzazzjoni ta' forom speċifiċi ta' differenzjazzjoni abbażi ta' ftehim politiku fi ħdan u fost il-gruppi politiċi sabiex jiġi provdut skrutinju xieraq tal-UEM***, u jitlob l-istabbiliment ta' sottokumitat li jipprovdi dan l-iskrutinju u jtejjeb il-koerenza tal-approċċ tal-Parlament lejn l-UEM***; | 31. Jenfasizza li r-regoli interni tal-Parlament Ewropew joffru marġini suffiċjenti ta' manuvra għall-organizzazzjoni ta' forom speċifiċi ta' differenzazzjoni abbażi ta' ftehim politiku fi ħdan u fost il-gruppi politiċi sabiex jiġi provdut skrutinju xieraq tal-UEM; ***ifakkar li l-Artikolu 3(4) tat-TUE jafferma li 'l-Unjoni għandha tistabbilixxi unjoni ekonomika u monetarja li l-munita tagħha tkun l-euro', u li l-Protokoll 14 dwar il-Grupp tal-euro jirreferi għall-'bżonn li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċjali għal djalogu msaħħaħ bejn l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, sa ma l-euro tkun saret il-munita tal-Istati Membri kollha tal-Unjoni'; jirrimarka li, jekk din is-sitwazzjoni tieħu fit-tul, għad li suppost hija waħda ta' tranżizzjoni, jeħtieġ li jitqies, fi ħdan il-Parlament Ewropew, mekkaniżmu ta' responsabbiltà xierqa għaż-żona tal-euro attwali u għall-Istati Membri li ħadu l-impenn li jingħaqdu magħha***; |

Or. en